



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10533/24

JAI 916
FREMP 278
AG 116
POLGEN 98
DISINFO 86

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	14 ta' Ġunju 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' dibattitu demokratiku ħieles, miftuħ u infurmat - Konklużjonijiet tal-Kunsill (14 ta' Ġunju 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' dibattitu demokratiku ħieles, miftuħ u infurmat kif approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fl-4031 laqgħa tiegħu li saret fl-14 ta' Ġunju 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' dibattitu demokratiku ħieles, miftuħ u infurmat

Preambolu

- a) **Filwaqt li jfakkar** fl-obbligu tal-Istati Membri li jiggarrantixxu d-drittijiet u l-libertajiet minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta") u li daww id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali huma universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati, u japplikaw kemm offline kif ukoll online.
- b) Filwaqt li **jafferma mill-ġdid** il-protezzjoni tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, kif iggarantit mill-Artikolu 11 tal-Karta, li jipproteġi l-libertà li wieħed ikollu opinjoni u li jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat, mingħajr indħil minn kwalunkwe awtorità pubblika u minkejja l-fruntieri.
- c) Filwaqt li **jfakkar** li l-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni jinvolve dmirijiet u responsabbiltajiet u li kwalunkwe limitazzjoni ta' dak id-dritt u l-eżerċizzju tiegħu jistgħu jsiru biss f'konformità mal-Karta u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-Istati Membri għadhom ħielsa li jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet li huma aktar favorevoli b'rabta mal-livell ta' protezzjoni ta' daww id-drittijiet, ibbażati pereżempju fuq regoli kostituzzjonali relatati mal-libertà tal-espressjoni, b'mod partikolari l-libertà tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni f'mezzi tax-xandir oħra.
- d) Filwaqt li **jfakkar** fid-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/1808 (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva)¹, li tippromwovi hiliel fil-litteriżmu fil-media, b'mod partikolari billi tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li l-pjattaformi ta' video-sharing fil-ġurisdizzjoni tagħhom jipprevedu miżuri u għodod effettivi ta' litteriżmu fil-media, kif xieraq.

¹ Id-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' realtjiet tas-suq li qed jinbidlu, ĠU L 303, 28.11.2018.

- e) Filwaqt li **jfakkar** fl-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media², li għandu l-għan li jiddefendi u jsaħħaħ id-diskors demokratiku u l-prinċipji tal-libertà, il-pluraliżmu u l-indipendenza tal-media madwar l-Unjoni Ewropea.
- f) Filwaqt li **jfakkar** fir-Regolament tal-UE 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-"Att dwar is-Servizzi Diġitali" jew id-"DSA")³. Filwaqt li **jenfasizza** b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet relatati mal-obbligi fuq il-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna u magni tat-tiftix online kbar ħafna, partikolarment dwar il-moderazzjoni tal-kontenut, it-trasparenza fil-proċessi algoritmiċi, il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju rigward ir-riskji sistemiċi relatati mal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, kwalunkwe effett negattiv reali jew prevedibbli fuq il-proċessi demokratiċi u d-disseminazzjoni ta' kontenut illegali, bħad-diskors ta' mibegħda illegali.
- g) Filwaqt li **jfakkar** fir-Regolament tal-UE⁴ dwar it-trasparenza tar-reklamar politiku u filwaqt li **jenfasizza** li r-reklamar politiku jista' jkun vettur ta' diżinformazzjoni jew manipulazzjoni tal-informazzjoni speċjalment meta r-reklamar ma jiżvelax in-natura politika tiegħu, u fejn ikun immirat.
- h) Filwaqt li **jfakkar** li l-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda illegali online tirrikjedi valutazzjoni bir-reqqa tad-drittijiet fundamentali, partikolarment fir-rigward tad-dinjità tal-bniedem (l-Artikolu 1 tal-Karta), id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja (l-Artikolu 7 tal-Karta), id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni (l-Artikolu 11 tal-Karta), id-dritt għan-nondiskriminazzjoni (l-Artikolu 21 tal-Karta) u l-prinċipju tal-legalità u tal-proporzjonalità (l-Artikolu 49 tal-Karta).
- i) Filwaqt li **jfakkar** id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali⁵.
- j) Filwaqt li **jfakkar** fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2022 dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-antisemitiżmu, il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2023 dwar ir-rwol tal-ispazju ċiviku fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2023 dwar l-awtonomizzazzjoni diġitali biex jiġu protetti u infurzati d-drittijiet fundamentali fl-era diġitali.

² Ir-Regolament (UE) 2024/1083 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern u li jemenda d-Direttiva 2010/13/UE (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media) ĠU L 1083, 17.04.2024.

³ Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE, ĠU L 277, 27.10.2022.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2024/900 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2024 dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku ĠU L, 2024/900, 20.03.2024.

⁵ Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali, ĠU L 328, 6.12.2008.

- k) Filwaqt li **jilqa'** d-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali tas-26 ta' Jannar 2022 u filwaqt li **jfakkar** fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Demokrazija tat-3 ta' Diċembru 20206.
- l) Filwaqt li **jilqa'** l-ħidma tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali"), inkluż ir-rapport tagħha tat-22 ta' Settembru 2021 dwar il-protezzjoni tal-ispazju ċiviku fl-UE u l-aġġornamenti annwali tagħha, u r-rapport tagħha tad-29 ta' Novembru 2023 dwar il-moderazzjoni tal-kontenut online u l-isfidi attwali fl-identifikazzjoni ta' diskors ta' mibegħda.

It-tisħiħ u l-protezzjoni ta' dibattitu demokratiku ħieles, miftuħ u infurmat

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea:

1. Filwaqt li **jfakkar** li l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri, komuni fl-Istati Membri, tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi⁷. **Jisħaq** li d-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni jikkostitwixxi wieħed mis-sisien essenzjali ta' soċjetà demokratika u pluralista.
2. **Jenfasizza** r-rwol fundamentali li jaqdu ċ-ċittadini fid-demokrazija Ewropea u l-ħtieġa li tiġi żgurata soċjetà kkaratterizzata mill-pluraliżmu, it-tolleranza, in-nondiskriminazzjoni, l-inklużività u r-rispett reċiproku, kemm online kif ukoll offline, b'mod partikolari billi titrawwem kultura ta' fehim u billi jiġi skoraġġut l-użu ta' miti ta' konfokka u rappreżentazzjonijiet negattivi sterjotipiċi u infurmati ħażin ta' individwi u gruppi, pereżempju abbażi tal-ġeneru tagħhom, l-assoċjazzjoni reali jew perċepita tagħhom ma' gruppi etniċi jew reliġjużi jew kwalunkwe bażi oħra.
3. **Jiddeplora** ż-żieda allarmanti reċenti ta' inċidenti ta' mibegħda mmirati lejn nisa u individwi minn minoranzi, u **jfakkar** fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2023 li jikkundannaw bl-aktar mod qawwi possibbli kull forma ta' antisemitiżmu u mibegħda, intolleranza, razziżmu u ksenofobija, inkluż il-mibegħda kontra l-Musulmani⁸.

⁶ COM (2020) 790 final.

⁷ L-Artikolu 2, it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

⁸ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2023, §33.

4. **Jinnota bi tħassib** li d-diżinformazzjoni u speċjalment id-diżinformazzjoni online qed jinxterdu b'mod wiesa', u dan qed jikkawża riskju konsiderevoli ta' telf ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet u fil-mezzi tax-xandir⁹, filwaqt li jxekkel id-dritt ta' kulħadd li jaċċessa informazzjoni pluralista u ta' min joqgħod fuqha u l-kapaċità li wieħed jieħu deċiżjonijiet infurmati, u b'hekk dan jhedded il-proċessi demokratiċi u jikkontribwixxi għall-polarizzazzjoni soċjali.
5. **Jenfasizza** l-ħtieġa urġenti għal azzjoni, peress li l-effetti distruttivi tal-mibegħda u l-polarizzazzjoni¹⁰ jheddu s-sisien tal-valuri demokratiċi, id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt u l-koeżjoni soċjali¹¹. Tali effetti distruttivi jistgħu jwasslu biex jinstigaw vjolenza u diskriminazzjoni, u joħolqu theddida sostanzjali mhux biss fuq livell individwali iżda wkoll għall-qafas soċjali usa', il-leġittimità tal-istituzzjonijiet u l-ordni pubbliku. **Jagħraf** il-kumplessità tal-indirizzar tal-effetti negattivi tal-mibegħda u l-polarizzazzjoni, u **jisħaq** li huma meħtieġa miżuri komprensivi biex jitnaqqsu d-distakki soċjali, filwaqt li jitqiesu perspettivi differenti.
6. **Jisħaq** li l-azzjonijiet għandhom jinkludu approċċ tas-soċjetà kollha, b'enfasi speċifika fuq l-educazzjoni, il-litteriżmu medjatiku online u s-sensibilizzazzjoni biex jiġu miġġielda l-effetti distruttivi tal-mibegħda u l-polarizzazzjoni.
7. **Ifakkar** li d-demokrazija ma tistax tirnexxi mingħajr il-libertà tal-espressjoni li tippermetti lill-individwi, lill-ġurnalisti, lill-akkademiċi, lill-artisti, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSC), lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lil oħrajn, jesprimu l-fehmiet tagħhom mingħajr indhila, filwaqt li jqis id-dritt fundamentali tan-nies li jiksbu informazzjoni imparzjali, kif ukoll ir-rispett għad-dritt fundamentali li wieħed jipproteġi r-reputazzjoni tiegħu, il-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza. **Jisħaq** li r-responsabbiltà primarja għall-protezzjoni tal-libertà tal-espressjoni u l-pluraliżmu hija tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.
8. **Jenfasizza** l-importanza li jinżammu standards professjonali għoljin¹² għal uffiċjali pubbliċi fl-eżerċizzju tad-dmirijiet pubbliċi tagħhom sabiex jiġu promossi l-fiduċja pubblika fis-sistema istituzzjonali tagħhom u l-appoġġ għaliha.
9. **Jagħraf** ir-rwol konsiderevoli li jaqdu l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-komunitajiet lokali biex irawmu djalogu u trasparenza, ifissru l-proċessi istituzzjonali, jew jiġġieldu kontra l-effetti distruttivi tal-mibegħda u l-polarizzazzjoni.

⁹ Ara pereżempju, il-Forum Ekonomiku Dinji, [The Global Risks Report 2024](#), pp. 17, 18 u 98, li jenfasizza r-riskju għal effetti bħal dawn.

¹⁰ Id-diskriminazzjoni u r-razziżmu huma każijiet ta' konsegwenzi dannużi li jirriżultaw mill-mibegħda u l-polarizzazzjoni.

¹¹ Ara pereżempju JOIN (2023) 51.

¹² Eż. kodiċijiet ta' kondotta, eċċ.

10. **Jagħraf** li l-ġurnalisti u l-media ħielsa, indipendenti u pluralistika jaqdu rwol importanti fil-faċilitazzjoni tad-dibattitu pubbliku u fl-ġhoti u r-riċeviment ta' informazzjoni, opinjonijiet u ideat.
11. **Jenfasizza** l-oportunitajiet li joffri l-ambjent diġitali, li jagħti lill-individwi aċċess għal spazju plurali u dinamiku għall-espressjoni u l-informazzjoni, iżda wkoll ir-riskji u l-isfidi marbutin, li jridu jittaffew permezz ta' moderazzjoni effettiva tal-kontenut online filwaqt li tiġi rispettata l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni.
12. **Jesprimi** r-rieda tiegħu li jkompli l-ħidma tiegħu fil-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda fil-livell tal-UE.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jistieden lill-Istati Membri:

13. **Jippromwov** kampanji komprensivi ta' sensibilizzazzjoni, miżuri preventivi u inizjattivi edukattivi biex jgħammru lill-individwi b'kompetenzi ċiviċi, kif ukoll ħiliet ta' ħsieb kritiku, litteriżmu medjatiku u l-kapaċità li jidentifikaw informazzjoni affidabbli. **Jinkoraġġixxu** l-iżvilupp tal-ħiliet tal-litteriżmu medjatiku u tal-ħsieb kritiku kif ukoll il-kompetenzi ċiviċi fl-edukazzjoni.
14. Fejn xieraq, **jinkoraġġixxu** l-ħolqien ta' pjattaformi jew riżorsi ċentralizzati għal materjal edukattivi settijiet ta' għodod u linji gwida li jistgħu jintużaw biex jiżviluppaw u jimplimentaw programmi ta' litteriżmu medjatiku bħal dak maħluq mill-Osservatorju Ewropew tal-Media Digitali¹³. Dawn il-programmi jistgħu jinkludu approċċi għall-ġlieda kontra l-isterjotipi u l-promozzjoni ta' fehim tad-diversità u l-inklużività fis-soċjetà, bl-għan li jitrawwem ambjent fejn l-ilħna kollha jistgħu jinstemgħu.
15. Fejn xieraq, **jallokaw** fondi għal proġetti u inizjattivi li jippromwov diskors pubbliku inklużiv, ħsieb kritiku, verifika tal-fatti, litteriżmu medjatiku u edukazzjoni dwar id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali.
16. **Jistimulaw** il-fehim tad-dinamika tal-mibegħda u l-polarizzazzjoni, **jissorveljaw** il-progress fil-mitigazzjoni tal-effetti negattivi tal-mibegħda u l-polarizzazzjoni u **jadattaw** il-politika u l-komunikazzjoni kif xieraq.
17. **Isaħħu** inizjattivi biex tiġi żviluppata koeżjoni soċjali u titnaqqas il-polarizzazzjoni soċjali fost l-individwi, irrispettivament mill-ġeneru, l-orijini soċjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali, l-età, l-opinjonijiet politiċi jew oħrajn, fost fatturi oħrajn.

¹³ <https://edmo.eu/resources/repositories/mapping-the-media-literacy-sector/>

18. **Jieħdu impenn** li jrawmu diskussjonijiet infurmati, rispettużi u inklużivi kemm fil-ħajja reali kif ukoll online biex jiġġieldu l-effetti distruttivi ta' narrattivi ta' mibegħda u polarizzanti. **Ifasslu u jimplimentaw** miżuri preventivi jew ta' sensibilizzazzjoni mmirati dwar l-effetti distruttivi tal-mibegħda u l-polarizzazzjoni, filwaqt li jenfasizzaw l-importanza ta' perspettivi differenti, il-bilanċ fl-interessi u l-promozzjoni ta' dialogu kostruttiv. **Jikkollaboraw**, fejn rilevanti, mal-komunitajiet lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-atturi tal-media u l-industrija tat-teknoloġija biex jiżguraw li l-kampanji jkunu aċċessibbli u rilevanti għall-kuntest.
19. **Jappoġġaw** programmi ta' bini tal-komunità u inizjattivi interkulturali li jiffaċilitaw id-djalogu, il-fehim, il-kollaborazzjoni u l-koeżjoni soċjali fost gruppi reali jew perċepiti differenti.
20. **Ifasslu, jimplimentaw u jippromwovu** l-parteeipazzjoni ta' ċittadini u l-eżerċizzji ta' deliberazzjoni biex jindirizzaw il-mibegħda u l-polarizzazzjoni u l-effetti distruttivi tagħhom fuq id-demokrazija u biex jappoġġaw il-promozzjoni ta' spazju ċiviku sikur u abilitanti u l-parteeipazzjoni tal-individwi u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fi proċessi deliberattivi u parteċipattivi tat-tfassil tal-politika kemm fil-livell lokali kif ukoll f'dak nazzjonali.
21. **Jappoġġaw u jagħtu s-setgħa** lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili permezz ta' finanzjament u inizjattivi kollaborattivi, filwaqt li jagħrfu r-rwol ċentrali tagħhom fil-ġlieda kontra l-effetti distruttivi tal-mibegħda u l-polarizzazzjoni, kemm online kif ukoll offline. **Jiżguraw** kooperazzjoni ma' firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li għandhom l-għan li jrawmu l-inklużjoni u jirriflettu d-diversità tas-soċjetà¹⁴.
22. **Jippromwovu** r-rwol tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Korpi tal-Ugwaljanza fit-trawwim ta' dibattitu demokratiku ħieles u infurmat, billi jimmonitorjaw il-konformità mad-drittijiet fundamentali fil-livell nazzjonali, iwettqu riċerka dwar suġġetti marbutin mad-drittijiet fundamentali fil-livell nazzjonali, jew billi jwettqu kwalunkwe komputu addizzjonali ieħor li jista' jaqa' taħt il-mandat tagħhom kif definit fil-livell nazzjonali, bħall-appoġġ u l-għoti tas-setgħa lill-vittmi individwali tal-ksur tad-drittijiet.
23. **Irawmu** mezzi tax-xandir ħielsa, indipendenti u pluralistiċi billi jadottaw miżuri xierqa li jippromwovu d-diversità u r-rappreżentanza tal-mezzi tax-xandir. Dan jista' jinkludi l-appoġġ għal mezzi tal-media pluralistiċi, indipendenti u diversi, l-iżgurar ta' aċċess ekwu għall-informazzjoni għat-taqsimiet kollha tas-soċjetà, il-protezzjoni tal-ġurnalisti u s-sorsi tagħhom, it-teħid ta' miżuri adegwati biex jiżguraw aċċess ħieles għal diversità ta' sorsi u perspettivi, jew il-faċilitazzjoni tal-innovazzjoni tal-mezzi tax-xandir.

¹⁴ Għandha tinftiehem fit-test kollu skont l-Artikolu 21 tal-Karta, jiġifieri "is-sess, ir-razza, il-kulur, l-orijini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twelmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprietà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali".

24. **Isaħħu** l-kapaċità tal-awtoritajiet regolatorji u tal-infurzar tal-liġi nazzjonali rilevanti u l-koordinazzjoni bejniethom biex jimmonitorjaw u jindirizzaw, f'konformità mal-liġi applikabbli, każijiet ta' kontenut illegali li jinstiga diskriminazzjoni, razziżmu, jew mibegħda, f'konformità mal-prinċipji fundamentali marbutin mal-libertà tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni. **Jipprovdu** lil dawk l-awtoritajiet bl-għodod u l-mekkaniżmi meħtieġa biex jappoġġaw lill-awtoritajiet ġudizzjarji fl-investigazzjoni u, jekk xieraq, fit-teħid ta' azzjoni, f'konformità mal-liġi applikabbli, kontra individwi jew entitajiet li jxerrdu kontenut illegali li jinstiga d-diskriminazzjoni, ir-razziżmu jew il-mibegħda, filwaqt li jissalvagwardjaw il-libertajiet fundamentali u l-prinċipji tal-legalità, in-neċessità u l-proporzjonalità.
25. **Jistabilixxu**, f'konformità mad-DSA, il-kanali meħtieġa bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali sabiex l-informazzjoni rilevanti għall-infurzar tad-DSA tkun tista' tiġi kkomunikata.
26. **Jinkoraġġixxu** allokazżjoni xierqa ta' riżorsi għal proġetti ta' riċerka li jiffukaw fuq il-fehim tad-dinamika tat-tixrid tad-diżinformazzjoni li tinstiga diskriminazzjoni jew mibegħda. **Iħeġġu** l-kollaborazzjoni bejn akkademiċi, verifikaturi tal-fatti, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, esperti tat-teknoloġija u professjonisti tal-mezzi tax-xandir biex jiżviluppaw soluzzjonijiet innovattivi, mekkaniżmi ta' detezzjoni bikrija u għodod oħra, bħall-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni tal-2022.
27. **Jintegraw** approċċi għall-ġlieda kontra l-effetti dannużi speċifiċi tal-mibegħda u l-polarizzazzjoni b'għeruw online fit-tfassil tal-politika billi jinvestu fil-fehim tad-dinamika warajhom. **Ifasslu** politika u komunikazzjoni biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet b'mod effettiv, filwaqt li jissalvagwardjaw il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni.
28. **Jippromwovu** taħriġ għal aġenziji tal-infurzar tal-liġi u awtoritajiet kompetenti oħra - biex jiżguraw kopertura, identifikazzjoni, rappurtar jew tneħħija komprensivi ta' kontenut fuq pjattaformi online biss fejn previst mil-liġi u fejn tali azzjoni tkun meħtieġa u proporzjonata. Fejn rilevanti, **jikkollaboraw** ma' pjattaformi online kbar ħafna biex jiżviluppaw għodod tal-IT għall-moderazzjoni tal-kontenut online biex jassistu lil dawk l-awtoritajiet fil-monitoraġġ u l-analiżi tal-kontenut online, wara li jittestjaw bir-reqqa l-punt sa fejn l-għodod huma xierqa għall-iskop tagħhom u ma jimminawx id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea:

29. Filwaqt li **jfakkar** fil-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tas-6 ta' Diċembru 2023, "Ma hemmx post għall-mibegħda: Ewropa magħquda kontra l-mibegħda"¹⁵, li għandha l-għan li żżid l-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra l-mibegħda f'kull forma, billi ssaħħa l-azzjoni f'varjetà ta' oqsma ta' politika, b'enfasi partikolari fuq il-protezzjoni tan-nies u l-ispazji pubbliċi billi tinvolvi lis-soċjetà kollha kemm hi.
30. Filwaqt li **jfakkar** fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2836 tat-12 ta' Diċembru 2023 dwar l-involviment ċiviku¹⁶, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2829 tat-12 ta' Diċembru 2023 dwar elezzjonijiet inklużivi u reżiljenti¹⁷, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1534 tas-16 ta' Settembru 2021 dwar l-iżgurar tal-protezzjoni, tas-sikurezza u tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra fil-media fl-Unjoni Ewropea¹⁸, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 tas-27 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti tal-qorti manifestament bla bażi jew abbużivi¹⁹, u d-Direttiva dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi²⁰.
31. Filwaqt li **jilqa'** l-ħidma tal-Kummissjoni u **jqis** id-diversi strateġiji li l-Kummissjoni żviluppat f'dawn l-aħħar snin biex tindirizza s-sitwazzjonijiet u l-isfidi partikolari li jiltaqgħu magħhom l-individwi li qed jiffaċċjaw diskriminazzjoni²¹.

¹⁵ JOIN (2023) 51.

¹⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2836 tat-12 ta' Diċembru 2023 dwar il-promozzjoni tal-involviment u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika, ĠU L 2836, 20.12.2023.

¹⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2829 tat-12 ta' Diċembru 2023 dwar proċessi elettorali inklużivi u reżiljenti fl-Unjoni u t-tisħiħ tan-natura Ewropea u t-tmexxija effiċjenti tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, ĠU L 2829, 20.12.2023.

¹⁸ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1534 tas-16 ta' Settembru 2021 dwar l-iżgurar tal-protezzjoni, tas-sikurezza u tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra fil-media fl-Unjoni Ewropea, ĠU L 331, 20.09.2021.

¹⁹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 tas-27 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti tal-qorti manifestament bla bażi jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika"), ĠU L 138, 17.05.2022.

²⁰ Id-Direttiva (UE) 2024/1069 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika"), ĠU L 1069, 16.04.2024.

²¹ [Il-Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025](#), [l-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija \(2021-2030\)](#), kif ukoll [l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025](#), [l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025](#), [l-Istrateġija dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità 2021-2030](#), il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni 2020-2030 u [l-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal](#).

32. Filwaqt li **jagħraf** il-ħidma importanti fil-ġbir ta' data kwalitattiva u kwantitattiva mwettqa mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u **jħeġġeġ** lill-Aġenzija taħdem fuq sfidi ġodda fil-qasam tad-drittijiet fundamentali, diskors ta' mibegħda u l-moderazzjoni tal-kontenut online, speċjalment fil-kuntest tal-fehim tal-implikazzjonijiet fuq id-drittijiet fundamentali ta' riskji sistemiċi li jinvolvu t-tixrid ta' diskors ta' mibegħda illegali u l-polarizzazzjoni.

Jistieden lill-Kummissjoni:

33. **Issegwi** l-Komunikazzjoni Konġunta tas-6 ta' Diċembru 2023 mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà "Ma hemmx post għall-mibegħda: Ewropa magħquda kontra l-mibegħda".
34. **Tipprovdi** lill-Kunsill b'ħarsa ġenerali lejn l-istat tal-implimentazzjoni tal-inizjattivi meħuda fil-qasam tal-ġlieda kontra l-effetti distruttivi tal-polarizzazzjoni, id-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni, kif stipulat fil-Komunikazzjoni Konġunta tas-6 ta' Diċembru 2023, filwaqt li tidentifika oqsma li xorta jistgħu jeħtieġu azzjonijiet speċifiċi jew li jistgħu jibbenefikaw minn approċċ ikkoordinat.
35. **Tkompli tipprovdi**, fi ħdan l-appoġġ finanzjarju eżistenti mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali, finanzjament adegwat u aċċessibbli għall-programmi dwar il-litteriżmu medjatiku u dwar il-kompetenzi ċiviċi, għal proġetti b'appoġġ għall-bini tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jitrawmu l-kapaċitajiet diġitali, u għal proġetti mmexxija mill-komunità li jrawmu d-djalogu, il-koooperazzjoni u l-fehim. Meta talloka dan l-appoġġ finanzjarju, **tagħti prijetà** lil inizjattivi li jlaqqgħu flimkien gruppi differenti biex isaħħu l-koeżjoni soċjali u jiġġieldu forzi diviżivi.
36. **Tqajjem kuxjenza** dwar valuri Ewropej komuni, inkluż ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi²², filwaqt li tħeġġeġ lill-individwi jipparteċipaw b'mod attiv f'dibattitu pubbliku inklużiv.
37. **Tkompli** tipproteġi, tappoġġa u tagħti setgħa lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, lill-mezzi tax-xandir u lill-ġurnalisti u lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u tħeġġiġhom jikkollaboraw ma' xulxin biex jindirizzaw kwistjonijiet - fosthom kwistjonijiet konfliġġenti - minn perspettiva integrata, u, fejn xieraq, jipparteċipaw fil-proċessi ta' politika u ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

²² L-Artikolu 2, it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

38. **Trawwem** diskors pubbliku inklużiv u pluralistiku biex jiġu diskussi soluzzjonijiet għal problemi komuni, billi tappoġġa ambjenti online u offline fejn l-individwi jħossu komdi jesprimu fehmithom, inkluż dawk li ma jaqblux. **Trawwem** mezzi kollaborattivi, inkluż panels taċ-ċittadini biex tippromwovi rappreżentanza aktar bilanċjata ta' prospettivi diversi fi ħdan in-narrattiva usa'.
39. Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-DSA, **tinforza** l-obbligi rigward pjattaformi online kbar ħafna u magni ta' tiftix online kbar ħafna, fost l-oħrajn billi **tikkollabora** mal-gvernijiet nazzjonali biex tappoġġa sinjalaturi fdati, filwaqt li tingrana l-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex jiġu identifikati diversi forum ta' diskors ta' mibegħda online illegali bil-ħsieb li jiġu indirizzati l-effetti distruttivi tal-mibegħda u l-polarizzazzjoni b'għeruq online. **Tkompli** taħdem mal-firmatarji tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-2016 dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda illegali online u tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni tal-2022 biex jinkisbu l-benefiċċji sħaħ ta' dawn il-kodiċijiet fir-rigward tat-tnaqqis tat-tixrid tad-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni bil-miżuri tiegħu li jiddefendu bis-sħiħ il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni.
40. **Tippromwovi** l-użu tas-Sistema ta' Twissija Rapida (RAS) tal-UE biex tiffaċilita l-qsim ta' għarfien relatat ma' kampanji ta' diżinformazzjoni, u tikkoordina r-reazzjonijiet fost l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri. **Tinkoraġġixxi** koordinazzjoni msaħħa bejn l-RAS u l-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali u ċ-ċentri reġjonali tiegħu, u theghegħ lil dawk il-korpi jiffukaw fuq l-impatt tad-diżinformazzjoni rigward it-tixrid ta' kontenut ta' mibegħda u l-polarizzazzjoni.
-